**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ottubru 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-461/13 R)**

***(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha kif ukoll l-annullament tal-ħlasijiet fis-seħħ — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ fumus boni juris u ta’ urġenza”)***

(2013/C 359/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: A. Rubio González, abogado del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3204 finali, tad-19 ta’ Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 (C-23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009) mogħtija mir-Renju ta’ Spanja għall-iżvilupp tat-televiżjoni diġitali terrestri f’żoni remoti u inqas urbanizzati (ħlief f’Castilla-La Mancha).

**Dispożittiv**

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ottubru 2013 — Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-462/13 R)**

***(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha kif ukoll l-annullament tal-ħlasijiet fis-seħħ — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)***

(2013/C 359/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Comunidad Autónoma del País Vasco; u Itelazpi, SA (Zamudio, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo, M. Muñoz de Juan u N. Ruiz García, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3204 finali, tad-19 ta’ Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 (C-23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009) mogħtija mir-Renju ta’ Spanja għall-iżvilupp tat-televiżjoni diġitali terrestri f’żoni remoti u inqas urbanizzati (ħlief f’Castilla-La Mancha).

**Dispożittiv**

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Settembru 2013 — H&M Hennes & Mauritz vs UASI — Yves Saint Laurent (handbags)**

**(Kawża T-525/13)**

(2013/C 359/30)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* H&M Hennes & Mauritz BV & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Hartwig u A. von Mühlendahl, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Yves Saint Laurent SAS (Pariġi, Franza)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), mogħtija fit-8 ta’ Lulju 2013 fil-Każ R 207/2012-3,

— tiddikjara l-invalidità tad-disinn Komunitarju rreġistrat bin-Nru 61 3294-0001;